GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/30*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru 2010 fit-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**

**1. Approvazzjoni**

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 29. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**2. Emendi**

Ghal dawn il-minuti ma tressqux emendi u għalhekk dawn ġew mehuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**III. Materji mill-Minuti**

**1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse**

Peress illi ż-żewg kuntratti li fuqhom tressaq appell kienu għal sena biss, il-Kunsill Lokali kiteb lid-Dipartiment biex ningħataw struzzjonijiet jekk nistgħux noħorġu sejħa mill-ġdid fuq l-istess kuntratti.
Sadanittant il-Kunsill kien infurmat li s-seduta li jmiss fuq dan l-appell ġiet iffissata mill-Bord ghas-16 ta' Novembru 2010.
Il-Kunsill kien ippreżentat ukoll minn kopja tal-minuti ta' l-aħħar seduta ta' l-appell. Il-minuti kienu jittrattaw xhieda mogħtija mis-Segretarju tal-Kunsill.
Il-Bord ta' l-Appell bagħat ukoll nota li l-istess Bord iltaqa' fid-19 ta' Ottubru 2010 u peress li l-partijiet ma attendewx, is-seduta ma setgħetx titkompla. Dan peress illi Dr Jean Paul Grech f'isem dan il-Kunsill kien talab diferiment minħabba mpenji fil-qorti t'Għawdex fl-istess ħinijiet tas-seduta.

**2. Twaqqif tal-Kumitat għall-Enerġija Alternattiva**

Fuq is-suġġeriment li kienu tressqu fil-Kunsill Reġjonali mis-Sur Andrew Vella bħala Sindku ta' din il-lokalita, kien ġie aċċettat li jitwaqqaf Kumitat biex jistudja d-dokumenti u proposti mressqa minn kumpanija Awstrijaka li hi lesta li tinvesti fl-enerġija alternattiva

ġewwa Għawdex. Fil-fatt dan is-suġġett kien tpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali. F'din il-laqgħa kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilli kollha Għawdxin li ssir ħidma kollettiva fuq din il-materja. Riżultat ta' dan kien magħżul kumitat u li hu magħmul mis-Sindku tax-Xagħra, Sindku tas-Sannat, Sindku ta' l-Għarb, is-Sindku tar-Rabat u s-Sur Andrew Vella bħala Sindku ta' l-Għasri u wkoll il-proponent tas-suġġett. Laqgħa minn dan il-Kumitat se tinżamm f'xi data fil-viċin.
Is-Sur Vella qal li wara kull laqgħa tal-Kumitat Reġjonali, hu se jkun qed jinforma lil dan il-Kunsill b'dak kollu li jkun qed isir fuq l-istess suġġett.

**3. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Dan il-Kunsill kien bagħat ittra lis-Sur Martin Bugelli li hu d-Direttur Ġenerali fuq id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn kien mistoqsi rigward il-proċeduri li rridu nimxu magħhom biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid hekk kif tintemm il-kariga tas-Segretarju preżenti peress li dan se jkun qed jilħaq l-eta ta' l-irtirar.
Is-Sur James Catania, Assistant Direttur bagħat jinforma lil dan il-Kunsill li l-Kunsill irid jibgħat jitlob il-lista ta' l-applikanti li hemm fil-'pooling' u li din il-lista tkun qegħda għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
Il-Kunsill qabel li għal nofs Novembru nitolbu li ningħataw din il-lista u mbagħad nimxu fuq il-proċeduri kif stabbiliti fir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

**4. Trasport tat-Tfal ta' l-Iskola**

Is-Sindku qal li hu tkellem ma' uffiċċjali mill-Ministeru għal Għawdex u wkoll mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fuq il-problema tat-tfal li joqgħodu fi Triq Għammar fir-rigward tal-mixja li dawn ikollhom meta jiġu mill-iskola mir-Rabat. Is-Sur Vella qal li snin ilu hu kien diġa pprova jirranġa fuq transport għal dawn it-tfal, iżda r-risposta kienet li din ir-rotta ma setgħetx tiġi nkluża fit-trasport tat-tfal. Fl-istess waqt is-Sindku kien ipprova diversi drabi biex jilħaq ftehim mas-sidien tal-karozzi tal-linja biex jibdew jgħaddu minn Triq Għammar, imam dawn dejjem oġġezzjonaw jew inkella talbu ħlas esaġerat.

## IV. Korrispondenza

i. Applikazzjonijiet għal permess tal-bini fi Triq Salvu Gambin ghall-kostruzzjoni ta'żewġ djar residenzjali.
ii. Stedina mill-AKL biex il-Kunsillieri jieħdu sehem fil-programm televiżiv "Affari Tagħna" fuq ONE TV għal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru 2010.
iii. Is-Sur David Apap Agius mill-MTA bagħat stedina biex jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali ndividwalment.
iv. Id-Dip. Tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħat applikazzjonijiet għal dawk interessati li jesebixxu lill-pubbliku presepju statiku jew mekkaniku fil-jiem tal-Milied 2010.
v. L-AKL bagħtet tavża li qed isiru t-tħejjijiet biex tinżamm il-laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri kollha nhar is-Sibt 20 ta' Novembru 2010.
vi. Il-Malta Community Chest Fund bagħtet program ta' ħames ħarġiet kulturali li se jinżammu bħala għajnuna fil-ġbir ta' fondi.

## V. Mozzjonijiet

**1. Tiżjijn tat-Toroq – Milied 2010**

Il-Kunsill qabel li tintrama l-Pjazza bid-dwal minn kuntrattur filwaqt li l-kumitat tal-festi esterni lokali jiġi mistieden jarma tul Triq Dun Karm Caruana. Fil-fatt, il-Kunsill kien bagħat ittra lill-Kappillan bħala president tal-Kumitat tal-Festi Esterni biex nitolbuh jinfurmana jekk il-Kumitat kienx se jaċċetta li jinkariga mit-tiżjin fi Triq Dun Karm Caruana. Bħala risposta konna rċevejna li l-armar se jsir kif mitlub.

Bħala kuntratturi għall-pjazza kienu kkuntattjati tlieta li soltu jarmaw f'toroq oħra f'Għawdex.
Il-kwotazzjoni ta' Peter Paul Azzopardi kienet tammonta għal €750 li jinkludi żewġ stilel kbar quddiem il-knisja u mbagħad tiżjijn mad-dawra tal-pjazza.
Kwotazzjoni oħra kienet minn Micho Lighting li kien qed jikkwota l-prezz ta' €950 għad-dawra kollha tal-pjazza.
It-tielet kwotazzjoni kienet minn Chris Gauci li kkwota l-prezz ta' €1150 bl-armar simili għat-tieni kwotazzjoni.
Il-Kunsill qabel li tingħażel il-kwotazzjoni ta' Peter Paul Azzopardi peress li hi l-irħas u se jkun fiha l-aktar armar tad-dwal.

**2. Attivitajiet mill-Kunsill – Milied 2010**

Għal din is-sena l-Kunsill se jkun qed iżomm l-istess attivitajiet bħas-snin ta' qabel u li jkunu jikkonsistu f'party għat-tfal tal-lokal u preżentazzjonijiet tal-palk għal kulħadd u mbagħad f'attivita oħra jinżamm party għall-anzjani.
Se jintbagħat fuljett fir-residenzi kollha fejn ikunu avżati dawn l-attivitajiet.
Sadanittant għandhom jibdew il-preparamenti ħalli jittellgħu il-preżentazzjonijiet għall-palk.

**VI Materji Ohra**

**1. Sponsorship mid-Ditta Gilette**

Il-Kunsill Reġjonali bagħat jinforma li qegħda tinġabar il-lista ta' rġiel f'kull lokalita biex jiddaħħlu fl-iskema li se titnieda mid-Ditta Gilette. Il-ħsieb ta' din id-ditta hu li kull persuna maskili tingħata 'razor blades' bħala promozzjoni.

**2. Ħlas lil CVC Communications**

Il-Kunsill Reġjonali bagħat jinforma li qed jinġabar l-ammont ta'€233 bħala ħlas lil CVC Communications talli rraporta l-iffirmar tal-Protokol ta' Adeżjoni tal-European Region for Youth Network.
Kull Kunsill Lokali f'Għawdex aċċetta li jinġabar dan il-ħlas.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 25 ta' Novembru 2010 fit-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________